



**NEETs: Sfida urġenti għall-Ewropa**

**Inizjattivi ta' ħolqien ta' xogħol għaż-żgħażaġħ**

**Intervista ma' Luca Scarpello, Forum Ewropew taż-Żgħażaġħ**

**Għaliex il-kwalità tax-xogħol għaż-żgħażaġħ hija importanti**

**Kondizzjonijiet ta' xogħol sostenibbli**

**Politiki ta' inklużjoni attiva għaż-żgħażaġħ b'diżabilità: Fejn wasalna?**

**Il-mobilità taż-żgħażaġħ: Kwistjonijiet u prospetti**

**L-impjegi għaż-żgħażaġħ fi kriżi**

L-isbaħ jiem ta' ħajjithom?

# Iż-żgħażaġħ fl-Ewropa





## 2 Editorjal



## 3 NEETs: Sfida urġenti għall-Ewropa



## 6 Inizjattivi ta' ħolqien ta' xogħol għaż-żgħażaġh



## 7 Għaliex il-kwalità tax-xogħol għaż-żgħażaġh hija importanti



## 9 Kondizzjonijiet ta' xogħol sostenibbli



## 10 Politiki ta' inklużjoni attiva għaż-żgħażaġh b'diżabilità: Fejn wasalna?



## 12 Il-mobilità taż-żgħażaġh: Kwistjonijiet u prospettivi

## 13 L-impjegji għaż-żgħażaġh fi kriżi

## Il-11-il ħarġa ta' FOCUS – Ġunju 2012

Din il-ħarġa ta' Foundation Focus tiffoka fuq iż-żgħażaġh fl-Ewropa u b'mod partikolari kif inhuma affettwati mill-kriżi ekonomika. Ir-rati ta' qgħad taż-żgħażaġh dejjem kienu oġhla mir-rati globali ta' qgħad, iżda l-kriżi kellha effett drammatiku fuq il-perspettivi ta' xogħol taż-żgħażaġh. It-twelid tal-koorti magħruf bħala NEETs, dawk barra mill-edukazzjoni, l-impjeg jew it-taħriġ, huwa xhieda ta' dan. Hemm inizjattivi sabiex tingħeleb din is-sitwazzjoni, iżda s'issa r-riżultati kienu mħallta. Il-migrazzjoni hija għażla, iżda tgħin fit-tul? U xi ngħidu dwar il-kondizzjonijiet tax-xogħol ta' dawk li għandhom impjeg? Kemm huwa faċli li wieħed jikseb l-esperjenza u jsib it-taħriġ sabiex isib impjeg aktar stabbli u permanenti? Dan kollu u aktar f'din il-ħarġa ta' Foundation Focus.

Abbona online fuq [www.eurofound.europa.eu/publications/focusform.htm](http://www.eurofound.europa.eu/publications/focusform.htm)

## Editorjal

Hija forsi ironija kerha li waqt li l-Unjoni Ewropea qiegħda tippromwovi s-Sena Ewropea għal Xjuħija Attiva u s-Solidarjetà bejn il-Ġenerazzjonijiet, iż-żgħażaġh Ewropej qegħdin jiffaċċjaw xi wħud mill-akbar sfidi tal-ġenerazzjoni. Ir-rati ta' qgħad fost iż-żgħażaġh laħqu livelli mingħajr preċedenti madwar l-Ewropa, bl-Istati Membri kollha (minbarra l-Lussemburgu) jirreġistraw tkabbir serju fil-figuri tal-qgħad fost iż-żgħażaġh sa minn meta bdiet ir-riċessjoni.

Il-konsegwenzi huma serji u estensivi u dan il-grupp qed ikun dejjem aktar fiċ-ċentru tal-attenzjoni tat-tħassib ta' dawk l-Ewropej li jfasslu l-politika, li qegħdin jaraw ir-riskji ekonomiċi u soċjali assoċjati mal-fatt li dan il-koort kbir qed ikun dejjem aktar maqtugħ kemm mix-xogħol kif ukoll mill-edukazzjoni. Skont l-aħħar kalkoli tal-Eurofound, in-nuqqas ta' parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol miż-żgħażaġh barra mill-edukazzjoni, l-impjeg jew it-taħriġ (NEETs) issa huwa stmat li jiswa telf enormi ta' madwar 119-il biljun Euro għall-ekonomija Ewropea kull sena. Fl-istess waqt, il-konsegwenzi soċjali ma jistgħux ikunu kkwantifikati. L-impatt ta' ġenerazzjoni li qiegħda tbat l-effetti ta' esklużjoni ser ikollu rwol fl-iżviluppi politiċi u soċjali li sejrni isawru l-Ewropa fis-snin li ġejjin.

B'reazzjoni ta' dan, qegħdin jiġu promossi inizjattivi ta' ħolqien ta' xogħol li jiffaċilitaw l-aċċess għas-suq tax-xogħol għaż-żgħażaġh fil-livell nazzjonali kif ukoll tal-UE b'diversi gradi ta' suċċess. Għalkemm hemm tendenza ċara lejn aktar mobilità ta' żgħażaġh fl-Ewropa u flessibilità kontinwa fl-approċċ taż-żgħażaġh għas-suq tax-xogħol u l-akkumulazzjoni ta' ħiliet, dan mhux biżżejjed. Jeħtieġ approċċ ta' politika aktar ambizzjuż, b'diversi friegħi li jħares lejn inizjattivi ta' edukazzjoni, taħriġ u impjeg għaż-żgħażaġh kollha f'livelli differenti, u s-sejħiet sabiex l-Ewropa tippovdi direzzjoni u tmexxija qegħdin dejjem jiżdiedu. Kif qal Franklin Roosevelt fi żmien ieħor u f'kontinent ieħor, 'Mhux dejjem nistgħu nibnu l-futur għaż-żgħażaġh tagħna, iżda nistgħu nsawru ż-żgħażaġh tagħna għall-futur.' Din hija r-responsabbiltà li qiegħda tiffaċċja l-Ewropa llum.

Foundation Focus huwa ppubblikat mill-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Għajxien u tax-Xogħol (Eurofound), Wyattville Road, Loughinstown, Dublin 18, l-Irlanda. Il-Eurofound huwa korp awtonomu tal-Unjoni Ewropea, stabbilit bir-Regolament (KEE) 1365/75 tal-Kunsill tal-Ministri tal-UE tas-26 ta' Mejju 1975.

Kap Editor: **Mary McCaughey** | Direttur: **Juan Menéndez-Valdés**  
Viċi-Direttur: **Erika Mezger**

Lingwa oriġinali: l-Ingliż  
Ritratti: shutterstock / Eurofound

Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Għajxien u tax-Xogħol  
Wyattville Road | Loughinstown | Dublin 18 | l-Irlanda

Tel: (+353 1) 204 31 00 | Fax: (+353 1) 282 42 09 | 282 64 56

Email: [information@eurofound.europa.eu](mailto:information@eurofound.europa.eu) | Sit elettroniku: [www.eurofound.europa.eu](http://www.eurofound.europa.eu)

## NEETs: Sfida urġenti għall-Ewropa

Iż-żgħażaġh fl-Ewropa ntlawtu partikolarment ħażin mir-riċessjoni f'dak li jirrigwarda l-prospetti ta' impjeg tagħhom. Skont l-aħħar figuri tal-Eurostat, ir-rata ta' impjeg taż-żgħażaġh fl-Ewropa kienet 33.3% fir-raba' kwart tal-2011, wara li laħqet l-aktar rata baxxa li qatt ma ntlawqet qabel ta' 32.9% fl-ewwel kwart tal-istess sena.

Bl-istess mod, f'Marzu 2012, ir-rata ta' qgħad fl-Ewropa fost iż-żgħażaġh laħqet it-22.6%, żieda kbira mir-rata ta' 15% ta' qabel il-kriżi f'Marzu 2008. Dan ifisser li attwalment madwar 5.5 miljuni żgħażaġh m'għandhomx impjeg fl-Ewropa. Għalkemm il-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh fis-suq tax-xogħol varjat b'mod konsiderevoli fil-livell tal-Istati Membri, fil-parti l-kbira tal-Istati Membri r-rati ta' qgħad fost iż-żgħażaġh irdoppja jew trippla minn meta bdiet ir-riċessjoni.

Huwa kemm huwa qawwi dan it-tagħrif, l-indikaturi tradizzjonali tal-parteċipazzjoni tas-suq tax-xogħol spiss ikunu kkritikati għall-utilità limitata tagħhom minħabba li ma jinkwadrawx kif xieraq is-sitwazzjoni taż-żgħażaġh: pereżempju, ħafna minnhom huma studenti u għalhekk ikunu kklassifikati bħala li ma jaħdmux. Għal din ir-raġuni, daww li jfasslu l-politika tal-UE dan l-aħħar bdew jiffukaw l-attenzjoni tagħhom fuq in-NEETs. L-akronimu NEETs ifisser daww li huma 'barra mill-edukazzjoni, l-impjeg jew it-taħriġ', ta' età tipikament bejn il-15 u l-24 sena, li irrispettivament mil-livell ta' edukazzjoni tagħhom huma maqtugħin kemm mix-xogħol kif ukoll mill-edukazzjoni, u għaldaqstant jinsabu f'riskju oġhla ta' esklużjoni mis-suq



tax-xogħol u ta' esklużjoni soċjali. It-terminu NEETs tfaċċa għall-ewwel darba fir-Renju Unit fl-aħħar tas-snin Tmenin. Minn dakinhar, l-interess fil-grupp tan-NEETs kiber fl-Istati Membri kollha, u l-ħtieġa li tingħata iktar attenzjoni lin-NEETs issa tinsab fil-qalba tad-dibattitu politiku Ewropew.

### Grupp varjat bi sfidi komuni

Id-daqs tal-problema jtkellem għalih innifsu: skont l-aħħar estimi tal-Eurostat għall-2010, 12.8% taż-żgħażaġh bejn il-15 u l-24 sena fl-UE kienu barra mill-edukazzjoni, l-impjeg jew it-taħriġ. Dan jikkorrispondi għal madwar 7.5 miljun żgħażuġh. Barra minn hekk, hemm 6 miljun 'NEETs ixjeħ' oħra, bejn il-25 u d-29 sena. Għalkemm ir-rati ta' NEET ivarjaw ferm bejn l-Istati Membri tal-UE, l-Istati Membri kollha, minbarra l-Lussemburgu, raw żieda konsiderevoli fl-għadd ta' NEETs minn meta bdiet il-kriżi.

Iżda min huma n-NEETs? Żgur li mhumiex popolazzjoni omoġenea. In-NEETs jinkludu gruppi differenti, bħaż-żgħażaġh qiegħda (għal żmien qasir jew twil), żgħażaġh li mhumiex disponibbli għax-xogħol minħabba xi diżabilità jew responsabbiltajiet tal-familja, u żgħażaġh li huma maqtugħa mis-soċjetà jew jaqtgħu qalbhom jidħlu fis-suq tax-xogħol minħabba li jkun fuq fallw tentattivi preċedenti. Madankollu, minkejja din l-eteroġeneità, in-NEETs għandhom ċerti karatteristiċi kruċjali simili:

1. Mhumiex jakkumulaw kapital uman b'mezzi formali.


2. Għandhom aktar probabbiltà li jiffaċċjaw bosta żvantaġġi, bħal diżabilità, livelli baxxi ta' edukazzjoni, sfond ta' immigrazzjoni jew ikunu ġejjin minn familja fqira.
3. Għandhom aktar probabbiltà li jispiċċaw regolarment bla xogħol jew li jkollhom passat fqir ta' parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol.

Minbarra r-riskju ovvju li l-potenzjal ta' bosta żgħażaġh jinħela fi status ta' NEET, rati għolja ta' NEET jistgħu jkollhom ukoll konsegwenzi negattivi għas-soċjetà u l-ekonomija. Li wieħed jagħmel perjodi ta' żmien fi status ta' NEET huwa assoċjat ma' firxa wiesgħa ta' konsegwenzi individwali negattivi, bħall-iżolament, xogħol ftit li xejn sigur u mhux imħallas biżżejjed, involviment fil-kriminalità, u problemi ta' saħħa mentali u fiżika. Dawn il-konsegwenzi negattivi mhumiex biss problema għall-individwu. Peress li dawn l-eżiti negattivi jissarfju fi spiża għas-soċjetajiet u l-ekonomiji tagħna, rati għoljin ta' NEETs jikkostitwixxu sfida għas-soċjetà b'mod ġenerali.

### L-ispiża tan-NEETs

Kemm hija kbira din l-ispiża għas-soċjetajiet tagħna? Bħala parti mill-proġett tal-Eurofound dwar iż-żgħażaġh u n-NEETs, ippruvajna nistmaw l-ispejjeż ekonomiċi u soċjetali tan-NEETs. Il-komputazzjoni ta' telf ekonomiku minħabba d-distanza tan-NEETs mis-suq tax-xogħol hija eżerċizzju kkumplikat. Fl-analiżi tagħna, il-qafas tal-ispejjeż kien jinkludi żewġ tipi ta' spejjeż: in-nuqqas

### Rati ta' NEETs fl-UE, 2010



ta' kontribuzzjoni tan-NEETs lejn is-soċjetà (jiġifieri, qligħ mitluf u taxxi u kontribuzzjonijiet soċjali mhux imħallsa) u l-eċċess fit-trasferimenti ta' benefiċċji li n-NEETs x'aktarx li jirċievu. L-istima tagħna għandha titqies konservattiva ħafna, minħabba li spejjeż oħrajn marbuta mas-saħħa, il-kriminalità u l-abbuż mis-sustanzi ma gēwx ikkunsidrati.

Fuq il-bażi ta' dawn is-suppożizzjonijiet, it-telf għall-ekonomija ta' 26 Stat Membru fl-2008 minħabba n-nuqqas ta' parteċipazzjoni tan-NEETs fis-suq tax-xogħol hija stmata li tilħaq it-2.3 biljun Euro fil-ġimgħa, jew madwar EUR 119.2 biljun fis-sena, numru li jikkorrispondi għal madwar 1% tal-PGD aggregat ta' dawn l-Istati Membri. Il-kont globali jista' jinqasam bejn EUR 110.4 biljun fin-nuqqas ta' kontribuzzjonijiet tan-NEETs lejn is-soċjetà (qligħ mitluf) u EUR 8.8 biljun ta' trasferimenti ta' benefiċċji żejda. Fil-livell tal-pajjiżi, l-ogħla kontijiet annwali jitħallsu mill-Italja (EUR 25 biljun) u Franza (EUR 17-il biljun). Madankollu, f'termini ta' persentaġġ tal-PGD, l-Irlanda u l-Bulgarija jħallsu l-ogħla kontijiet (aktar minn 2% tal-PGD), segwiti mill-Italja (1.7%). Għall-kuntrarju, l-ispiża tan-NEETs hija baxxa l-aktar għal-Lussemburgu u l-Ġermanja (0.3% u 0.6% tal-PGD rispettivament).

## Riskju ta' radikalizzazzjoni

L-ispejjeż tan-NEETs mhumiex biss ekonomiċi. Dawk li jfasslu l-politiki qajmu tħassib dwar il-konsegwenzi potenzjali tal-istatus ta' NEET u l-implikazzjonijiet tiegħu għall-involvement demokratiku u l-parteeipazzjoni ċivika taż-żgħażaġħ. Huwa meqjus periklu li xi żgħażaġħ jistgħu jagħżlu li ma jipparteċipawx fis-soċjetà ċivili. Ir-riżultati tal-analiżi tagħna juru li n-NEETs, u b'mod partikolari s-sottogrupp ta' dawk qiegħda, jispikkaw fin-nuqqas ta' fiduċja li għandhom fl-istituzzjonijiet u fil-livell aktar baxx ta' parteċipazzjoni politika u soċjali. Evidenza empirika tikkonferma li n-NEETs bħala grupp, u b'mod speċjali ż-żgħażaġħ qiegħda, jinsabu f'riskju akbar ta' skuntentizza u ta' rtirar mis-soċjetà. Fuq din il-bażi, it-tħassib ta' dawk li jfasslu l-politika dwar l-implikazzjonijiet soċjali tal-istatus ta' NEET għall-involvement demokratiku jidher li huwa għal kollox iġġustifikat. Eżempji reċenti ta' dimostrarazzjonijiet taż-żgħażaġħ fir-Renju Unit, Spanja u l-Italja enfasizzaw l-iskala tal-problema u r-riskji ta' nuqqas ta' involvement ta' dan il-grupp. It-twelid ta' movimenti tal-Lemin estrem fil-pajjiżi Skandinavi u kontinentali li b'mod attiv jippruvaw jolqtu żgħażaġħ skuntenti jikkostitwixxu sinjal ieħor ta' twissija għal żviluppi futuri.

**Massimiliano Mascherini u Anja Meierkord**

## INTERVISTA MA' LUCA SCARPIELLO

**'Illum jingħad ħafna diskors dwar il-ħtieġa li ż-żgħażaġħ ikunu aktar flessibbli, u li dan isolvi l-problemi ta' qgħad li jħabbtu wiċċhom magħhom. Dan fil-fatt mhux veru.'**

**Il-Forum Ewropew għaż-Żgħażaġħ jaħdem sabiex iżid l-opportunitajiet ta' impjieg u jtejjeb il-kundizzjonijiet tax-xogħol għaż-żgħażaġħ Ewropej, bl-għan li jiggarrantixxi l-inklużjoni soċjali u l-awtonomija tagħhom, b'livelli adegwati ta' protezzjoni soċjali, u f'ambjent li jappoġġja s-saħħa u l-benesseri tagħhom.**

L-Eurofound tkellem ma' Luca Scarpiello, il-Viċi-President tal-Forum Ewropew għaż-Żgħażaġħ, sabiex jesplora l-perspettivi tal-forum u l-ħidma tiegħu fuq il-kwistjonijiet li jirrigwardaw liż-żgħażaġħ u li jinsabu fil-quċċata tal-aġendi politiċi fl-Istati Membri tal-UE.

***Liema huma l-akbar sfidi soċjali li ż-żgħażaġħ Ewropej qegħdin iħabbtu wiċċhom magħhom illum?***

L-akbar sfida li għandha quddiemha l-Ewropa bħalissa hija li ssib mezz kif tillibera l-potenzjal tal-aktar ġenerazzjoni kkwalifikata li qatt kien hawn, ġenerazzjoni ta' rġiel u nisa intelliġenti li studjaw aktar minn ħaddieħor, iżda li waqt il-klima ekonomika attwali qegħdin isibu tfixkil sabiex jagħmlu użu minn dak l-għarfien.

Fl-Ewropa, jeħtieġ li naħdmu flimkien sabiex inkissru dan iċ-ċirku vizzjuż ta' fiduċja soċjali u ekonomika baxxa li jiffaċċjaw iż-żgħażaġħ.

L-ewwel nett, jeħtieġ li noħolqu biżżejjed impjegi għaż-żgħażaġħ. Fil-fehma tiegħi, l-Ewropa ma tistax tiffoka biss fuq stimoli ekonomiċi min-naħa tal-provvista.

It-tieni, jeħtieġ li nassiguraw li l-fażi ta' tranżizzjoni tkun effiċjenti kemm jista' jkun għal kulħadd. Il-fruntieri bejn l-edukazzjoni u l-impjieg qegħdin isiru dejjem inqas ċari, u aħna rridu li nissodaw il-kunċett li aktar jaqbel li nħallu lin-nies



ikomplu jaħdmu waqt li jkun qegħdin jistudjaw, u li jkomplu jistudjaw waqt li jaħdmu.

Jeħtieġ li nħarsu bis-serjetà lejn it-tranżizzjonijiet involontarji, li hemm livelli għolja tagħhom fl-Istati Membri kollha, iżda l-aktar fl-Ewropa ta' Isfel, minħabba li dawn verament joqtlu l-kunfidenza personali. F'dan il-każ, iż-żgħażaġħ huma l-aktar ħolqa dgħajfa tal-katina.

***Fil-fehma tiegħek, dawk l-Ewropej li jfasslu l-politiki soċjali qegħdin jindirizzaw dawn l-isfidi b'mod kostruttiv?***

Il-qgħad fost iż-żgħażaġħ huwa komponent tas-soluzzjonijiet għall-koeżjoni ekonomika fl-Ewropa, imma jiena naħseb li attwalment dawk li jfasslu l-politiki soċjali mhumiex jindirizzaw il-parti tal-qgħad fost iż-żgħażaġħ.

Il-punt bażiku huwa li dawk li jfasslu l-politika għandhom jifhem li huwa fundamentali li jinvestu f'politiki li japplikaw għall-UE kollha għall-ħolqien ta' impjegi għall-ħaddiema żgħażaġħ, kemm f'dak li jirrigwarda l-flus u l-esperjenzi, kif ukoll il-koordinazzjoni.

Illum jingħad ħafna diskors dwar il-ħtieġa li ż-żgħażaġh ikunu aktar flessibbli, u li dan isolvi l-problemi ta' qgħad li jħabbtu wiċċhom magħhom. Dan fil-fatt mhux veru. Dawk l-Ewropej li jfasslu l-politiki soċjali m'għandhomx ikomplu jaħsbu dan.

Dawk li jfasslu l-politika jeħtieġu li jaqblu dwar pjan u viżjoni globali ta' żvilupp fl-Ewropa u jikkomunikawhom, u mbagħad jeħtieġu li jagħmlu riżorsi disponibbli sabiex jilħqu din l-ambizzjoni. Dan jista' jsir biss fil-livell tal-UE, b'mod ikkoordinat u kollaborattiv.

U jeħtieġ li ngjegħlu lil dawk li jfasslu l-politika jaġixxu issa. Wara kolloxx, il-Patt Fiskali ġie stabbilit f'20 jum. Għaliex ma nistgħux naslu għal ftehim dwar soluzzjoni għaż-żgħażaġh Ewropej daqstant malajr?

### ***Kif taħseb li l-organizzazzjoni tiegħek tista' tgħin liż-żgħażaġh madwar l-Ewropa?***

Aħna naħdmu fuq żewġ naħat, l-ewwel fil-livell tal-organizzazzjoni tal-membri, fejn immexxu konsorzju ta' organizzazzjonijiet ta' tisħiħ fil-livell lokali, reġjonali u nazzjonali. Dak li qegħdin jagħmlu l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh kuljum sabiex jgħinu fil-ħolqien tal-impjegi huwa enormi, u rari nitkellmu fuqu.

It-tieni, aħna naħdmu fil-livell tal-UE, fejn mhux biss nirrappreżentaw il-vuċi taż-żgħażaġh dwar dak li għandu jsir, iżda wkoll ngħinu sabiex jiddaħħlu l-ambizzjoni u l-viżjoni fl-inizjattivi kollha li jaffettwaw liż-żgħażaġh fl-Ewropa.

Aħna konvinti fil-fehma tagħna li l-Unjoni Ewropea hija xi ħaġa aktar minn istituzzjonijiet, u rridu li s-setgħa tal-persuni tinstiga u ġġib il-bidla, mhux l-istitizzjonijiet.

### ***Tista' tagħtina xi eżempji ta' ħidma li tagħmlu li jgħinu fis-sitwazzjoni taż-żgħażaġh qiegħda?***

Qegħdin naħdmu fuq karta dwar id-drittijiet tal-apprendisti, li għandha l-għan li ttiprovdi qafas għal esperjenzi ta' apprendistat ta' kwalità u tipprevjeni li ż-żgħażaġh jeħlu fit-tranżizzjoni. Il-persuni li jeħlu fl-apprendistat, li jirrappreżentaw tip ta' suq tax-xogħol sekondarju mingħajr paga jew b'paga baxxa u kondizzjonijiet ħżiena tax-xogħol, hija problema li qiegħda tikber u li rridu nindirizzaw.

Qegħdin ukoll nipproponu garanzija għaż-żgħażaġh, li hija miżura ta' politika li

għandha l-għan li tassigura li l-ebda żgħażuġh ma jkun barra mill-edukazzjoni, l-impjieg jew it-taħriġ għal perjodu ta' aktar minn erba' xhur. Il-Forum Ewropew taż-Żgħażaġħ jemmen li garanzija għaż-żgħażaġh tista' tkun approċċ effiċjenti u proattiv biex jingħeleb il-qgħad sproporzjonat fost iż-żgħażaġh u jikkontribwixxi għall-inklużjoni soċjali tagħhom.

Ċentrali għall-proposti kollha tagħna huma arranġamenti li jibbenefikaw lin-naħat kollha. Għalhekk, issa qegħdin naħdmu ħafna wkoll fuq bidla radikali tal-arranġamenti kuntrattwali li jeżistu illum. Madwar l-Ewropa, hemm aktar minn 150 tip differenti ta' ftehimiet kuntrattwali, li ma jagħmilha faċli għal ħadd. Urejna li meta dawn jiġu ssemplifikati, filwaqt li ġew ikkunsidrati l-aktar impjegi prekarji u ttejbu l-kuntratti ta' apprendistat, irnexxejna f'għadd ta' pajjiżi.

### ***X'inhi s-sitwazzjoni rigward l-opportunitajiet ta' taħriġ u titjib ta' ħiliet għaż-żgħażaġh madwar l-Ewropa? Hemm pajjiżi li qegħdin jirnexxu aktar minn oħrajn, u jekk iva, liema huma dawn il-pajjiżi?***

Wieħed mill-akbar żbalji li l-UE tagħmel illum hija li jkollha perspettiva ta' ekonomija biss fit-tqabbil tal-impjieg mal-ħiliet. Jeħtieġ li niffukaw fuq l-individwi li huma kapaċi jaġġornaw il-ħiliet tagħhom matul ħajjithom, u nemmnu bis-saħħa li neħtieġu nies li jkunu protagonisti fit-tagħlim tagħhom stess, mhux f'xi tip ta' approċċ minn fuq għal isfel.

### ***Hemm ħafna diskussjoni dwar iż-żgħażaġh u l-migrazzjoni: x'inhu l-messaġġ u l-għan tiegħek rigward dan?***

Huwa ċar li l-kriżi aggravat is-sitwazzjoni, li jagħmilha aktar diffiċli għaż-żgħażaġh li jkunu mobbli fuq is-suq tax-xogħol Ewropew. Jeħtieġ li nhegħgu lil dawk li jfasslu l-politiki sabiex jiftħu l-fruntieri għall-innovazzjoni u l-istudju, jistiednu liż-żgħażaġh jiġu joqogħdu, u jiżguraw li jistgħu jkunu integrati fis-swieq tax-xogħol tagħna. It-tagħqid ta' għanijiet soċjali u ekonomiċi bħal dawn huwa l-unika riċetta għat-tkabbir, xi ħaġa li l-Ewropa għandha tant bżonn bħalissa.

### ***X'inhi l-viżjoni tiegħek għall-organizzazzjoni tiegħek u l-għanijiet tagħkom fuq żmien medju? X'tixtieq tikseb fil-perspettiva ta' ħames snin?***

Fi żmien ħames snin, irridu li l-Ewropa tkun għadha teżisti, l-ewwel nett. Fil-preżent, it-tendenza hija negattiva u l-Ewropa tinsab fil-periklu li timplodi minħabba l-miżuri ta' awsterità tagħha.

Ħames snin huma 'l bogħod ħafna, allura nippreferu niffukaw fuq perspettiva fuq żmien qasir.

Sitt xhur oħra nixtiequ nimplementaw il-karta tad-drittijiet tal-apprendisti, sabiex nibagħtu sinjal li l-Ewropa jimpurtaha minnek u l-esperjenza tiegħek u mhux biss mill-valur ekonomiku tiegħek.

Nixtiequ wkoll li l-iskema tagħna ta' garanzija għaż-żgħażaġh tkun approvata, kif ukoll baġit tal-UE li jappoġġja l-inklużjoni taż-żgħażaġh fis-suq tax-xogħol.

Dak li qegħdin nipproponu mhuwiex tajjeb biss għaż-żgħażaġh, iżda wkoll għall-Ewropa, sabiex nagħmlu avvanzi importanti bħala mod kif noħroġu mill-kriżi. Fl-aħħar mill-aħħar, iż-żgħażaġh m'għandhomx xi talbiet kbar, dawn li qed nitolbu huma soluzzjonijiet sempliċi u siewja li jistgħu jkunu implimentati.

### **Intervista: Måns Mårtensson**

## Inizjattivi ta' ħolqien ta' xogħol għaż-żgħażaġh

**Il-konsegwenzi u l-ispejjeż marbuta mal-fatt li tkun NEET (barra mill-edukazzjoni, l-impjieg jew it-taħriġ) jitolbu azzjoni ta' politika ġdida. Bi tweġiba għall-iżviluppi dejjem aktar negattivi fis-suq tax-xogħol għaż-żgħażaġh, l-Istati Membri tal-UE f'dawn l-aħħar snin kienu impenjati b'mod attiv fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' politika li għandhom l-għan li jżidu l-impjegabbiltà tagħhom u l-parteċipazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol.**

Minħabba li n-NEETs huma grupp ferm varjat, magħmul minn diversi sottogrupperi bi ħtiġijiet differenti, kull sottogrupp jeħtieġ forom differenti ta' interventi politiċi sabiex jiġu involuti b'mod effettiv fis-suq tax-xogħol. Dawn il-miżuri ta' politika jistgħu jinġabru f'miżuri marbuta mal-edukazzjoni, miżuri li jiffaċilitaw it-tranżizzjoni mill-iskola għax-xogħol, u miżuri li jtejbu l-impjegabbiltà tagħhom.

Li niżguraw li ż-żgħażaġh kollha jkunu jistgħu jtemmu l-edukazzjoni tagħhom hija l-ewwel pedament ta' politika ta' xogħol effettiva għaż-żgħażaġh. Sistema edukattiva li tgħin lit-tfal minn kull sfond iwettqu l-potenzjal sħiħ tagħhom hija essenzjali għal ġid kontinwu u tnaqqas l-esklużjoni mis-suq tax-xogħol fost iż-żgħażaġh. Tabilħaqq, it-tnaqqis tas-sehem ta' dawk li jħallu l-iskola kmieni għal inqas minn 10% huwa waħda mill-ħames miri ewlenin fl-istrategġija tal-Ewropa 2020. Il-politiki edukattivi jistgħu jipprovaw jindirizzaw ir-riskji marbuta mal-proċessi kumulattivi li jwasslu għal dawk li jtilqu mill-iskola; l-eżempji jinkludu l-iffukar fuq grupperi f'riskju speċifiċi (Bidu tal-Karriera



fil-Finlandja) jew fuq żoni ġeografiċi (żvantaġġjati) speċifiċi (Edukazzjoni ta' Priorità fi Franza), jew jistgħu jintroduċu alternattiva għall-edukazzjoni regolari eżistenti (Alternazzjoni bejn l-Iskola u x-Xogħol fl-Italja).

Madankollu, dejjem ser ikun hemm xi żgħażaġh li jtilqu mill-iskola kmieni. Dawn ikunu fi żvantaġġ fis-suq tax-xogħol minħabba li ma jkollhomx kwalifiki formali. L-inizjattivi għall-integrazzjoni mill-ġdid taż-żgħażaġh fl-edukazzjoni jew fit-taħriġ ivarjaw l-approċċ tagħhom skont il-livell ta' appoġġ li l-grupperi fil-mira tagħhom ikunu jeħtieġu. Pereżempju, dawk li jħallu l-iskola kmieni li jkunu ġejjin minn grupperi vulnerabbli li diffiċli jintlaħqu ma jistgħux jiġu mgħaġġla fit-triq tagħhom lura lejn l-edukazzjoni jew l-impjieg, għalhekk il-proġetti għandhom jaġhtu ċans sabiex dawn isolvu l-kwistjonijiet personali tagħhom l-ewwel (Skejjel ta' Produzzjoni fl-Awstrija u Youthreach fl-Irlanda).

Meta ż-żgħażaġh ikunu temmew l-edukazzjoni tagħhom, huwa kruċjali li ngħinuhom fit-tranżizzjoni lejn l-impjieg. Tranżizzjonijiet li ma jirnexxux jew fit-tul jistgħu jkollhom effett permanenti li jdgħajjef il-karriera futura u r-riżultati ta' impjieg tagħhom. Miżuri speċifiċi jappoġġjaw liż-żgħażaġh f'dan il-mument kritiku billi jippermettulhom jieħdu deċizzjonijiet informati dwar il-karriera jew billi jgħinuhom fl-aċċess tagħhom għall-opportunitajiet ta' xogħol. Kemm il-Garanziji għaż-Żgħażaġħ Finlandiżi kif ukoll dawk Svediżi jgħid li servizzi tal-impjieg pubbliċi li joffru valutazzjoni personalizzata tal-ħtiġijiet u post fl-impjieg, fl-edukazzjoni jew fl-attivazzjoni f'perjodu ta' żmien iggarantit liż-żgħażaġh li jirreġistraw għax-xogħol. Il-garanziji għaż-żgħażaġh mhux biss jgħinu liż-żgħażaġh jieħdu aktar deċizzjonijiet informati u jtejbu l-kwalità u l-ħeffa tas-servizzi pprovduti, iżda wkoll jinkoraġġixxu azzjoni immedjata sabiex jevitaw id-distakk. Approċċi oħrajn għandhom l-għan li jirrifurmaw is-servizzi disponibbli għaż-żgħażaġh, billi joffru one-stop shops li jindirizzaw il-ħtiġijiet kollha tagħhom f'aġenzija waħda (Connexions fl-Ingilterra u Ċentri ta' Navigazzjoni fl-Isvezja).

Tqabbil ħażin tal-ħiliet, nuqqas ta' kompetenzi trasversali (kompetenzi li jistgħu jkunu applikati f'kuntesti differenti) jew nuqqas ta' esperjenza ta' xogħol jistgħu jfixxlu l-kapaċità taż-żgħażaġh li jsibu impjieg xieraq u stabbli. Il-miżuri li



jtejbu l-impjegabbiltà tagħhom jiffukaw jew fuq l-akkwist ta' ħiliet vokazzjonali speċifiċi permezz ta' tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol, jew fuq it-titjib tal-livell ġenerali ta' edukazzjoni u tal-ħiliet tagħhom bi preparazzjoni għax-xogħol. L-iskemi ta' apprendistat urew li jirnexxu ħafna fit-twittija tat-tranżizzjoni għax-xogħol għaż-żgħażaġh. Fl-Awstrija, ġew introdotti apprendistati mhux ibbażati f'kumpaniji sabiex jingħelbu d-distakk sinifikanti bejn id-domanda u l-provvista ta' postijiet ta' apprendistat u sabiex jiprovdu xibka ta' sikurezza għal dawk li ma jistgħux isibu post ma' kumpanija speċifika. Dawn jippermettu liż-żgħażaġh ilestu apprendistat sħiħ waqt li jkunu bbażati f'ċentru ta' taħriġ vokazzjonali, flimkien ma' esperjenza ta' xogħol ma' impjegaturi differenti.

Iż-żgħażaġh jistgħu wkoll jiffaċċjaw ostakoli prattiċi u loġistiċi sabiex jidhru fis-suq tax-xogħol. Bosta pajjiżi introduċew varjetà ta' inċentivi (bħal eżenzjonijiet mis-sistema tat-taxxa, sussidji u tnaqqis tal-ispejjeż tax-xogħol għal min m'għandux paga) sabiex iħeġġu lil dawk li jħaddmu jingaġġaw jew iħarrġu żgħażaġh u joħolqu impjegi oħrajn għalihom (Start Card fl-Ungerija). Xi pajjiżi introduċew miżuri speċifiċi sabiex jipromwovu l-intraprenditorija u x-xogħol indipendenti fost iż-żgħażaġh, billi pprovdew servizzi speċjali għal żgħażaġh li huma lesti li jibdedu in-negozju tagħhom. Fl-aħħar nett, sabiex ineħħu l-ostakoli loġistiċi u prattiċi għall-impjieg għaż-żgħażaġh, kważi l-pajjiżi kollha introduċew sussidji ta' mobilità ġeografika u miżuri speċjali oħrajn immirati għal żgħażaġh bi bżonnijiet speċjali jew li jkunu ġejjin minn sfond żvantaġġjat jew ta' immigrazzjoni.

L-Istati Membri tal-UE introduċew varjetà wiesgħa ta' approċċi kkombinati sabiex jarmaw liż-żgħażaġh bil-kompetenzi u l-ħiliet ġusti meħtieġa fis-suq tax-xogħol, filwaqt li jholqu opportunitajiet ġodda u aħjar għalihom. Il-parti l-kbira tal-Istati Membri ddiversifikaw l-inizjattivi tagħhom skont il-karatteristiċi differenti tas-sottogrupperi ta' NEETs. Madankollu, għandhom ma jeżistux valutazzjonijiet ta' dawn il-programmi jew għandhom mhumiex disponibbli, u ma jsirux b'mod sistematiku. Il-valutazzjoni tal-effettività ta' dawn l-inizjattivi hija kruċjali, b'mod speċjali fi żminijiet ta' awsterità fejn l-użu aktar effiċjenti tar-riżorsi huwa essenzjali.

**Lidia Salvatore u  
Massimiliano Mascherini**

## Għaliex hija importanti l-kwalità tax-xogħol għaż-żgħażaġh

**'Iż-żgħażaġh iħossuhom għajjenin fl-aħħar ta' azzjoni, l-anzjani fil-bidu.'**

**T. S. Eliot**

**L-isfidi li bħalissa qegħdin jiffaċċjaw iż-żgħażaġh mhumiex ġodda u ilhom dawn l-aħħar għexieren ta' snin jirċievu attenzjoni kostanti. Qgħad kbir, tranżizzjonijiet twal u spiss diffiċli mill-iskola għax-xogħol, u ċans akbar ta' kuntratti ta' xogħol temporanji huma fost il-kwistjonijiet l-aktar diskussi.**

Dawn id-diffikultajiet ġew severament aggravati mill-kriżi ekonomika u finanzjarja, u għalhekk mhijiex sorpriża li d-dibattiti dwar l-impjegji u l-qgħad fost iż-żgħażaġh reġgħu thegġew f'ambjenti differenti, minn konverżazzjoni madwar il-mejda waqt l-ikla ta' filgħaxija sa deċizzjonijiet ta' politika fl-Unjoni Ewropea.

Wieħed m'għandux jinsa li dan l-aktar koorti żgħażuġh tal-popolazzjoni ta' ħaddiema huwa grupp eteroġeneju, li jinkludi lil dawk li qegħdin jippruvaw jassiguraw l-ewwel impjeg tagħhom, dawk li qegħdin jippruvaw isibu impjeg ġdid, u dawk li qegħdin jippruvaw iżommu l-impjeg li għandhom. L-opportunitajiet disponibbli għall-ħaddiema żgħażaġh u l-istrateġiji tagħhom sabiex jagħmlu l-aħjar li jistgħu minn dawk l-opportunitajiet huma affettwati ferm minn ċikli ekonomiċi. Dawn huma l-grupp ta' popolazzjoni li aktarx li jkun l-ewwel u l-aktar affettwat waqt ir-riċessjonijiet ekonomiċi, b'sensji u b'opportunitajiet limitati ta' impjeg minħabba n-nuqqas ta' esperjenza tagħhom. B'riżultat ta' dan, il-ħaddiema żgħażaġh, dawk li jkunu għandhom kemm bdew b'mod partikolari, jinsabu f'riskju li jbatu minn effetti

permanenti għal żmien twil minħabba fid-dewmien biex isibu l-ewwel impjeg tagħhom u perjodi twal ta' qgħad.

Il-mistoqsijiet ewlenin bħalissa huma: kif nistgħu noħolqu l-impjegji, kif nistgħu nassiguraw li iż-żgħażaġh ikollhom il-liet adegwati għal dawn l-impjegji, u kif nistgħu nassiguraw li iż-żgħażaġh isibu xogħol li jaqbel mal-ħiliet tagħhom. Is-sejba ta' tweġibiet tajba għal dawn il-mistoqsijiet hija kruċjali biex tkun tista' tissolva l-problema ta' qgħad fost iż-żgħażaġh.

### It-tpattija mill-investment fil-kwalità tal-impjegji

Bl-attenzjoni qawwija mogħtija lill-qgħad fost iż-żgħażaġh fid-dibattitu politiku attwali, il-kwistjonijiet rigward il-kondizzjonijiet tax-xogħol ta' dawn l-irġiel u n-nisa żgħażaġh li għandhom impjeg jidhru li ġew traskurati. Madankollu, l-iżvilupp ta' miżuri adegwati u politiki ta' appoġġ għall-iżvilupp soċjali u ekonomiku futur tal-UE jeħtieġu attenzjoni kontinwa fuq il-kwalità tax-xogħol tal-ħaddiema kollha, inklużi iż-żgħażaġh, fi żminijiet ta' kriżi daqs kemm fi żminijiet ta' stabbiltà. Aktar ma tingħata attenzjoni għall-kwalità tax-xogħol fil-bidu tal-impjeg u matul il-ħajja tax-xogħol tagħna, aktar hemm probabbiltà li s-soċjetà tgawdi mill-kontribuzzjonijiet tan-nies bħala ħaddiema kif ukoll bħala ċittadini. Il-maqlub ta' dan huwa veru wkoll – kwalità ħażina tax-xogħol mhux biss taffettwa l-ħajja tax-xogħol iżda wkoll is-saħħa tan-nies u l-involvement fis-soċjetà.

Il-kwalità tax-xogħol f'mument partikolari taż-żmien għandha impatt fuq il-kapaċità



tal-individwu li jwettaq kwalunkwe xorta ta' attività, imħallsa jew mhix, fil-futur. Din tiddetermina l-livell li fih dawk l-individwi sejrin ikunu jistgħu jikkontribwixxu lill-komunitajiet tagħhom u lis-soċjetà inġenerali, permezz ta' attivitajiet professjonali jew soċjali fi stadji aktar tard fil-ħajja tagħhom.

Għaldaqstant il-kwistjoni mhijiex biss dwar il-kwantità u l-kontenut (il-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa) tal-impjegji, jew dwar l-appoġġ li iż-żgħażaġh jeħtieġu sabiex isibu impjeg (bħal politiki attivi tas-suq tax-xogħol), hija wkoll dwar il-kondizzjonijiet tax-xogħol li jkollhom minħabba li dawn jinfluwenzaw il-kwalità u t-tul tal-ħajja attiva tagħhom.

### X'turi r-riċerka

Ir-riżultati mill-ħames Stħarriġ Ewropew dwar il-Kondizzjonijiet tax-Xogħol (EWCS) juru li ċerti aspetti tal-kondizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema żgħażaġh (taħt il-25 sena) ivarjaw sew minn dawk ta' ħaddiema aktar anzjani. Sa ċertu punt, l-ispjegazzjoni għal dawn id-differenzi hija fatturi strutturali. Il-ħaddiema ta' taħt il-25 sena aktarx li ma jkunux temmew l-edukazzjoni terzjarja tagħhom. Proporzjon relattivament għoli jaħdmu part time, filwaqt li jistudjaw fl-istess ħin. Parzjalment minħabba dan, il-ħaddiema żgħażaġh huma ferm aktar irrappreżentati fis-settur tal-bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut; madankollu, jekk inħarsu biss lejn dawk li jaħdmu full time, xorta waħda nsibu proporzjon relattivament kbir f'dan is-settur. Il-ħaddiema żgħażaġh full-time huma wkoll irrappreżentati xi ftit aktar fis-saħħa u fl-industrija. F'dak li jirrigwarda l-professjonijiet, il-ħaddiema żgħażaġh –

irrispettivament minn jekk jaħdmux full time jew part time – huma rrappreżentati aktar fost il-ħaddiema tas-servizzi u tal-bejgħ, il-ħaddiema tas-snaġġa u l-kummerċ relatat u professjonijiet elementari. Madankollu, anki meta wieħed jikkunsidra l-pajjiż, is-settur, il-professjoni, ix-xogħol part time jew full time, u jekk wieħed għandux livell terzjarju jew le, jibqgħu differenzi sinifikanti.

L-ewwel nett, l-EWCS juri li l-ħaddiema żgħażaġħ aktarx li jkollhom aktar kuntratti ta' impjieg temporanju, u studji reċenti juru li din il-probabbiltà qiegħda tiżdied. Il-ħaddiema żgħażaġħ għandhom ukoll probabbiltà akbar li ma jkollhom l-ebda kuntratt. Madankollu, filwaqt li l-ħaddiema żgħażaġħ m'għandhomx daqstant sigurtà ta' impjieg – huma aktar fiċ-ċans li jaħsbu li se jrin jitolfu l-impjieg tagħhom fi żmien sitt xhur milli l-ħaddiema aktar anzjani – jidhru li huma aktar pożittivi rigward il-possibbiltà li jsibu impjieg simili. Huma wkoll aktar fiduċjużi dwar il-prospetti ta' karriera li joffri l-impjieg attwali tagħhom.

Għalkemm il-ħaddiema żgħażaġħ aktarx li ma jaħdmux aktar minn 48 siegħa fil-ġimgħa, u hemm ukoll inqas ċans li jaħdmu matul il-lejl bħall-ħaddiema aktar anzjani, huma ferm aktar fiċ-ċans li jkollhom ħinijiet ta' xogħol li jkunu stabbiliti għal kollox minn min iħaddimhom, u b'hekk ma jkollhom l-ebda flessibbiltà.

## Inqas ħiliet, aktar riskji

Meta wieħed iħares lejn it-tqabbil awtorrappurtat bejn il-ħiliet li wieħed ikollu u dawk meħtieġa għax-xogħol,

il-ħaddiema żgħażaġħ huma aktar fiċ-ċans li jiffaċċjaw nuqqas ta' tqabbil ta' ħiliet milli l-ħaddiema aktar anzjani, l-aktar minħabba l-probabbiltà akbar li jirrapportaw li m'għandhomx biżżejjed ħiliet (ara Figura 1).

Din mhijiex daqstant sorprendenti, billi aktarx li jkollhom esperjenza limitata u jkun għad fadlilhom ħafna x'jitgħallmu.

Madankollu, din il-perċezzjoni tal-ħaddiema żgħażaġħ tqajjem mistoqsijiet dwar id-disponibbiltà u l-kwalità ta' appoġġ li jirċievu, f'dak li jirrigwarda s-sorveljar u t-taħriġ, biex jagħmlu tajjeb għad-diskrepanza bejn il-ħtiġijiet tal-impjieg u l-ħiliet u l-kompetenzi li jkollhom.

Fid-dibattitu dwar l-impjegi għaż-żgħażaġħ, jissemmew ukoll ir-riskji li l-ħaddiema jkunu soġġetti għalihom. Il-ħaddiema żgħażaġħ aktarx li jkunu aktar esposti għal livelli ogħla mill-medja ta' riskji marbuta mal-qagħda, riskji bijoloġiċi u kimiċi, u riskji tal-ambjent li jkunu fih (magħrufa wkoll bħala riskji fiżiċi) mill-ħaddiema aktar anzjani. Barra minn hekk, il-ħaddiema żgħażaġħ jiffaċċjaw livelli ogħla ta' intensità ta' xogħol u livelli aktar baxxi ta' awtonomija tax-xogħol mill-ħaddiema aktar anzjani, fatturi li jqiegħduhom f'riskju akbar li jbatu minn stress marbut max-xogħol. Barra minn hekk, il-ħaddiema żgħażaġħ aktarx li jkunu aktar esposti għal imġiba soċjali negattiva mill-ħaddiema aktar anzjani, li jkompli jżid l-espożizzjoni tagħhom għal riskju psikosoċjali.


Minħabba dawn il-livelli għolja ta' espożizzjoni kemm għar-riskji fiżiċi kif

ukoll psikoloġiċi, huwa ta' tħassib li l-ħaddiema żgħażaġħ aktarx li ma jqajmux il-problemi marbuta max-xogħol ma' rappreżentant tal-ħaddiema daqs il-ħaddiema aktar anzjani. Huwa interessanti, iżda, li l-ħaddiema żgħażaġħ li kienu soġġetti għal imġiba soċjali negattiva probabbilment aktarx li jirrapportaw li qajmu l-problemi marbuta max-xogħol ma' rappreżentant tal-ħaddiema daqs il-ħaddiema aktar anzjani.

Minħabba l-qafas li fih qegħdin iseħħu d-dibattiti eżistenti, is-soluzzjonijiet li attwalment qegħdin jiġu kkunsidrati sabiex itaffu l-effetti tal-kriżi fuq iż-żgħażaġħ jistgħu jittrattaw il-kwistjoni tal-qgħad fost iż-żgħażaġħ fuq żmien qasir. Madankollu, l-esklużjoni tal-kwalità tax-xogħol mid-dibattitu toħloq ir-riskju li l-problemi rigward il-forza tax-xogħol u l-parteciżazzjoni soċjali jkomplu jissuktaw jew saħansitra jinħolqu oħrajn, u tista' twassal għal spejjeż futuri għas-soċjetà, filwaqt li l-piż jaqa' fuq il-ġenerazzjonijiet futuri. Għandna nistaqsu lilna nfusna: nifilħu ninjoraw l-importanza tal-kwalità tax-xogħol u tal-impjegi fl-ewwel snin tal-ħajja tax-xogħol tal-individwi?

## Jorge Cabrita u Gijs van Houten

Figura 1: It-tqabbil tal-ħiliet max-xogħol għall-ħaddiema żgħażaġħ u dawk aktar anzjani





## Kondizzjonijiet ta' xogħol sostenibbli



**'Jeħtieġ iż-żmien biex issir żgħażuġh.'**  
**Pablo Picasso**

**Ix-xogħol sostenibbli jitlob kondizzjonijiet tax-xogħol tajba għall-ħaddiema ta' kull età. Il-benesseri fuq ix-xogħol huwa l-bażi għaż-żamma tal-kapaċità fiżika tan-nies għax-xogħol f'kull stadju tal-karriera tagħhom u l-kisba ta' ħajja ta' ħidma itwal. Jekk l-Unjoni Ewropea għandha verament l-intenzjoni li tilħaq l-għanijiet stipulati fl-istrateġija tal-Ewropa 2020, ix-xogħol u l-impjiegi sostenibbli għandhom jingħataw prijorità għolja minħabba li huma prerekwiżit sabiex jintlaħaq l-għan ta' għadd kbir ta' impjiegi.**

### L-esperjenza tax-xogħol qatt mhija newtrali

Ix-xogħol u l-impjeg jistgħu jkunu sors ta' opportunitajiet u tkabbir għall-individwi. Tabilħaqq, ix-xogħol jikkontribwixxi għall-benesseri tal-ħaddiema, itejjeb is-saħħa tagħhom, isawwar l-identità tagħhom, jippermettilhom jiżviluppaw ħiliet ġodda, jiddelinea l-ħajja mhux tax-xogħol tagħhom u jaqgħalhom l-għajxien. Iżda meta x-xogħol ikun ta' kwalità fqira, dan jagħmel ħsara lis-saħħa tal-ħaddiema, xi drabi b'mod irreversibbli, u jillimita l-kapaċità tagħhom li jipparteċipaw f'xogħol bi ħlas. Fil-każ ta' qgħad, il-ħaddiema li l-ħiliet tagħhom ikun għadda żmienhom jistgħu jsibuha diffiċli li jsibu xogħol ieħor bl-istess paga. Minħabba t-tendenza negattiva attwali fil-ħolqien tax-xogħol, jistgħu saħansitra ma jsibu l-ebda impjeg. Il-ħaddiema li jkollhom dmirijiet ta' kura u ma jkunux jistgħu jsibu soluzzjonijiet għall-kura ta' uliedhom jew ta' qraba dipendenti fuqhom sempliċement ma jkunux jistgħu jżommu impjeg. Minħabba li l-għadd ta' kondizzjonijiet sfavorevoli għandhom it-tendenza li jseħħu sproporzjonalment f'ċerti gruppi, il-kwistjoni mhijiex biss waħda ta' kompetittività iżda wkoll

ta' ugwaljanza tas-sessi, ta' ġustizzja soċjali u inklużjoni.

L-iżgurar li x-xogħol jiproteġi l-benesseri tal-ħaddiema ilu sfida għal żmien twil. Iżda f'dan iż-żmien ta' bidla u kriżi ekonomika, f'dinja aktar miftuħa u aktar flessibbli, fejn l-istrateġiji tal-kumpaniji u tal-ħaddiema huma probabbilment aktar individwalizzati u inqas prevedibbli, il-mistoqsijiet dwar kif ix-xogħol jista' jsir sostenibbli u sodisfaċenti jeħtieġu li jsiru mill-ġdid u jiġu mwiegħa mill-ġdid, mill-bidu tal-karriera ta' kull persuna.

Tweġiba waħda tinsab fil-fehim tar-rwol li x-xogħol għandu fil-karriera u l-ħajja ta' persuna, u kif jaffettwa d-deċiżjoni tagħhom li jirtiraw kmieni jew li jkomplu jaħdmu sal-età tal-irtirar. Jaffettwa wkoll il-kapaċità tagħhom li jikkontribwixxu għall-impjeg anki wara l-irtirar. F'dawn l-aħħar 20 sena, l-Istħarriġ Ewropew dwar il-Kondizzjonijiet tax-Xogħol (EWCS) issorvelja l-kondizzjonijiet li jtejbju l-benesseri tal-ħaddiema u evalwa s-sostenibbiltà tax-xogħol. Il-messaġġ huwa ċar: it-titjib tal-kondizzjonijiet tax-xogħol huwa essenzjali, u titjib komprensiv tal-kondizzjonijiet tax-xogħol huwa importanti. Għaż-żgħażaġh b'mod partikolari, it-tnaqqis tad-diskrepanzi tal-ħiliet, l-issorveljar, l-aġġornament tal-ħiliet u t-twitija ġenerali tat-tranżizzjonijiet mill-iskola għax-xogħol għandhom rwol importanti sabiex ikun żgurat li jkollhom bidu tajjeb.

Il-livell ta' eżiġenzi u tal-awtonomija tax-xogħol jaffettwaw il-perċezzjonijiet tal-ħaddiema dwar kemm jaħsbu li huma sostenibbli l-impjiegi tagħhom, imkejla mill-ħsieb tagħhom li sejrjn ikunu kapaċi jagħmlu l-istess xogħol meta jkollhom 60 sena. Il-ħaddiema f'impjiegi ta' ftit tensjoni (b'livelli aktar baxxi ta' eżiġenzi u inqas ambitu ta' teħid ta' deċiżjonijiet fl-istess waqt) u f'impjiegi attivi (b'livelli ogħla ta' eżiġenzi u ta' ambitu għat-teħid ta' deċiżjonijiet) jirrapportaw livelli ogħla

ta' sostenibbiltà minn oħrajn. Huwa ċar li l-awtonomija tippromwovi l-benesseri, filwaqt li l-intensità tax-xogħol teqirdu. Kundizzjonijiet tax-xogħol li jeħtieġu inqas sforz fiżiku u livell għoli ta' appoġġ soċjali mill-kollegi u mill-maniġers jiproteġu l-benesseri tal-ħaddiema. In-nuqqas ta' sikurezza tax-xogħol huwa assoċjat ma' livelli aktar baxxi ta' sostenibbiltà tax-xogħol. Il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja huwa importanti u assoċjat b'mod pożittiv mas-sostenibbiltà tax-xogħol. Il-possibbiltà li wieħed ikun jista' jieħu ftit ħin barra x-xogħol b'mod faċli u li jkollu xi ftit awtonomija fir-rigward tat-teħid ta' pawżi huma wkoll importanti. Min-naħa negattiva, li wieħed jesperjenza diskriminazzjoni, vjolenza, abbuż, bullying jew fastidju jkollu effetti permanenti u jista' jirriżulta fi tluq bikri mis-suq tax-xogħol.

L-iżvilupp tal-ħiliet fuq ix-xogħol kif ukoll l-involvement f'bidliet fl-organizzazzjoni tax-xogħol u titjib fuq il-post tax-xogħol huma assoċjati ma' probabbiltà akbar ta' rappurtar ta' xogħol sostenibbli.

Dan għandu jkun aħbar tajba għalina minħabba li dawn il-kondizzjonijiet tax-xogħol huma wkoll assoċjati ma' aktar motivazzjoni, impenn u innovazzjoni fuq il-post tax-xogħol.

It-tweġibiet għal karrieri sostenibbli jistgħu jkunu lokali, settorjali, reġjonali u nazzjonali, iżda d-dibattitu bejn il-gvernijiet, l-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem u t-trejdunjins jista' jgawdi minn approċċ Ewropew, li joffri kemm l-opportunità li wieħed jitgħallem mill-esperjenzi kif ukoll l-għodod ta' politika li jissorveljaw il-kwalità tax-xogħol u tal-impjeg.

**Agnès Parent-Thirion**

## Politiki ta' inklużjoni attiva għaż-żgħażaġh b'diżabilità: Fejn wasalna?

**Iż-żgħażaġh qegħdin jiffaċċjaw diversi sfidi sabiex jidħlu u jibqgħu fis-suq tax-xogħol, iżda għal dawk b'diżabilità, il-kwistjonijiet huma saħansitra aktar ikkumplikati. Wieheh mir-riskji ewlenin huwa dak tal-esklużjoni soċjali, li ma jkunux jistgħu jipparteċipaw bis-sħiħ fil-ħajja, li jsiru dipendenti fuq is-sistema ta' benefiċċji minflok ma jkunu kapaċi jaħdmu u jagħżlu t-triq li jkunu jridu huma.**

Jekk dan iseħħ kmieni fil-ħajja, ir-riskju ta' esklużjoni permanenti jiżdied b'mod konsiderevoli. Għalkemm hemm bosta fatturi li ma jippermettux li jinstabu soluzzjonijiet sempliċi, ir-riċerka tal-Eurofound identifikat approċċi li jidhru li joħolqu toroq aktar inklużivi.

### Spettru wiesa' ta' miżuri ta' inklużjoni attiva

| Stat Membru  | Leġiżlazzjoni  |
|--------------|--|
| Il-Finlandja | Att dwar il-Benefiċċji ta' Rijabilitazzjoni u l-Benefiċċji tal-Allowance ta' Rijabilitazzjoni mill-Istituzzjoni tal-Assigurazzjoni Soċjali tal-Finlandja, 2005 |
|              | Att dwar l-Allowance għad-Diżabilità, 2007   |
| Franza       | Il-Liġi dwar id-Diżabilità, 2005 (Liġi għall-Ugwaljanza tad-Drittijiet u l-Opportunitajiet, il-Parteċipazzjoni u l-Ċittadinanza ta' Persuni b'Diżabilità)      |
| L-Irlanda    | Strateġija Nazzjonali għad-Diżabilità, 2004  |
| Il-Portugall | Skema ta' Tiswija ta' Inċidenti fuq ix-Xogħol u Mard fuq ix-Xogħol, inklużi r-Rijabilitazzjoni u r-Reintegrazzjoni Professionali, 2009                         |
|              | Ratifika tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità u protokoll addizzjonali, 2009                                     |
|              | Strateġija Nazzjonali għad-Diżabilità 2011–2013, 2010  |
|              | Il-Liġi dwar il-Prevenzjoni, l-Abilitazzjoni, ir-Rijabilitazzjoni u l-Parteċipazzjoni ta' Persuni b'Diżabilità, 2004   |
|              | <b>Programmi</b>   |
| Il-Ġermanja  | Pjan Nazzjonali ta' Azzjoni (Nationaler Aktionsplan der Bundesregierung zur Umsetzung der UN-Behindertenrechtskonvention, NAP) 2010                            |
| L-Irlanda    | Pilota ta' Inklużjoni Attiva   |
| Il-Portugall | Servizz ta' Informazzjoni SIM-PD u ta' Medjazzjoni għall-Persuni b'Diżabilità  |
| Is-Slovakkja | Programm Nazzjonali dwar l-Iżvilupp tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja għall-Persuni b'Diżabilità f'Kull Qasam tal-Ħajja  |



m'għandhomx, b'differenzi kbar fost l-Istati Membri.

L-approċċi ta' inklużjoni jidhru li huma l-aktar strument ta' politika xierqa sabiex tiġi indirizzata l-esklużjoni soċjali taż-żgħażaġh minħabba li jindirizzaw id-diversi dimensjonijiet tal-problema u jagħmlu enfasi fuq approċċ konġunt għas-servizzi offruti. Madankollu, ir-riċerka tal-Eurofound turi li l-approċċi ta' inklużjoni attiva jinsabu fi stadji differenti ta' żvilupp fil-11-il Stat Membru analizzati.

Fl-2008, il-Kummissjoni Ewropea adottat rakkomandazzjoni dwar l-inklużjoni attiva tal-aktar nies esklużi mis-suq tax-xogħol, billi ppromwoviet strateġija komprensiva bbażata fuq l-integrazzjoni ta' tliet kolonni ta' politika soċjali: appoġġ ta' dħul adegwat, swieq tax-xogħol inklużivi, u aċċess għal servizzi ta' kwalità. Attwalment, il-Kummissjoni Ewropea waslet biex tippubblika dokument ta' ħidma tal-persunal li ser jevalwa l-progress li l-Istati Membri għamlu minn meta ġiet ippubblikata l-komunikazzjoni.

### Approċċi ta' inklużjoni attiva żviluppatti tajjeb

Fid-Danimarka u fil-Pajjiżi l-Baxxi l-ħtieġa għal soluzzjonijiet integrati lejn l-inklużjoni attiva ġiet rikonnoxuta b'mod formali, u r-riċerka tagħna indikat li kien investit sforz sostanzjali fil-ħolqien ta' tweġibiet aktar flessibbli u integrati.

Fid-Danimarka, hija politika ddikjarata li ż-żgħażaġh kollha għandhom ikunu jistgħu jużaw l-opportunitajiet fis-soċjetà u joħolqu ħajja bis-sens għalihom infushom b'responsabbiltà personali sħiħa. L-opportunitajiet u r-riżorsi personali taż-żgħażaġh żvantaġġjati għandhom

jitjiebu permezz ta' intervent bikri u miri ta' għajnuna aqwa u aktar effettivi.

It-tliet dipartimenti governattivi involuti fil-politiki ta' inklużjoni attiva fil-Pajjiżi I-Baxxi huma d-Dipartiment tal-Affarijiet Soċjali u tax-Xogħol, li jkopri l-parti l-kbira tal-oqsma ta' politika marbuta mal-appoġġ għad-dħul u l-miżuri ta' suq tax-xogħol inklużiv għaż-żgħirażgħir bi problemi tas-saħħa jew diżabilità, u d-Dipartimenti tas-Saħħa u tal-Edukazzjoni, li huma responsabbli mill-provvista ta' servizzi tas-saħħa ta' kwalità u tagħlim tul il-ħajja.

L-impenn lejn l-inklużjoni attiva fil-Finlandja kien inqas ovvju fil-livell ta' politika. Madankollu, l-aġenda ta' inklużjoni hija bbażata fuq taħlita ta' attivazzjoni ta' impjegati, dħul adegwat u aċċess għal servizzi ta' appoġġ, li huwa żviluppat tajjeb. Riforma kontinwa

fis-sigurtà soċjali għandha l-għan li żżid l-użu tal-appoġġ għad-dħul bħala inċentiva fil-proċess tal-inklużjoni. Ħafna mill-miżuri ta' inklużjoni attiva huma miżuri ġenerali, mhux immirati lejn grupp soċjali partikolari. L-uffiċċju tal-impjegati, is-servizzi soċjali muniċipali u l-istituzzjoni tal-assigurazzjoni soċjali jipprovdu servizzi speċjali f'one-stop shop lil dawk li jkunu qiegħda għal żmien twil u lil dawk li jkunu jeħtieġu appoġġ multiprofessjonali. Il-finanzjament għall-appoġġ tas-suq tax-xogħol huwa maqsum b'mod ugwali bejn l-istat u l-muniċipalitajiet sabiex il-gvern lokali jkun inċentivat li jippromwovi x-xogħol. Żied l-użu ta' miżuri intermedji tas-suq tax-xogħol, bħal impjeg temporanju ssussidjat u impriżi soċjali li joħolqu opportunitajiet ta' xogħol għall-individwi marġinalizzati.

## Pajjiżi f'fażi ta' żvilupp

Pajjiżi oħrajn taw sinjal ċar ta' impenn lejn l-inklużjoni attiva fil-livell ta' politika, iżda l-progress lejn sistema ta' miżuri integrati fil-pilastru tal-politika soċjali li taħdem kien relattivament bil-mod. Referenzi espliċiti għall-inklużjoni attiva kienu kemxejn evidenti fil-livell ta' politika fl-Irlanda, Franza u r-Renju Unit; madankollu, it-tliet pajjiżi jiffaċċjaw sfidi fl-implimentazzjoni attiva.

F'pajjiżi oħrajn il-progress lejn approċċi aktar ikkoordinati u integrati fl-oqsma ta' inklużjoni attiva kien evidenti iżda evidentement fl-istadji inizjali. Din kienet is-sitwazzjoni fil-Ġermanja u l-Portugall, fejn l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità kienet aktar influwenti mill-kunċett ta' inklużjoni attiva.

### Eżempji ta' prattika tajba:

#### The Specialists

The Specialists hija kumpanija Daniża li tibbaża l-mudell ta' negozju tagħha fuq l-impjegar ta' persuni b'disturb tal-ispettru tal-awtiżmu (autism spectrum disorder - ASD), li jiffaċċjaw xkiel fl-edukazzjoni u t-taħriġ ewlenin u sabiex iżommu impjeg. The Specialists tqabbad direttament impjegati ewlenin bl-ASD u tipprovdi lill-kumpaniji klijenti b'servizzi ta' negozju fuq termini tas-suq. Hemm firxa ta' kompiti ta' rutina li jaqblu mal-ħiliet speċjalisti ta' persuna bl-ASD (inklużi l-kontabilità, l-iżvilupp ta' softwer u l-kontroll tal-kwalità). Il-kumpanija hija tal-fehma li l-kundizzjonijiet tal-ASD huma assoċjati ma' kapaċitajiet li huma ta' valur speċjali fi sfondi ta' ħidma speċifika:

- il-kapaċità ta' konċentrazzjoni għal perjodi twal;
- il-kapaċità ta' ffukar fuq id-dettalji;
- il-kapaċità ta' twettiq f'kompiti bbażati fuq ir-regoli.

The Specialists kienet imwaqqfa b'kapital privat bil-konvinzjoni li l-kunċett huwa qawwi biżżejjed sabiex jirnexxi fit-termini tas-suq. Minħabba li l-konsulenti tal-kumpanija jipprovdu livell daqstant tajjeb u spiss aqwa ta' servizz mill-kompetituri, jistgħu jinkisbu salarji simili. Il-kunċett issa huwa kkummerċjalizzat mad-Danimarka kollha u f'pajjiżi oħrajn, b'40% tal-klijenti tal-kumpanija jidħlu f'impjegati ġenerali b'pagi sħaħ bħala konsulenti tal-IT mal-kumpanija.

L-element ta' inklużjoni attiva tal-mudell tan-negozju jinkludi l-provvista ta' dħul adegwat, li jagħti lill-impjegati l-opportunità li jaħdmu skont il-kapaċitajiet tagħhom, u jipprovdi aċċess għas-servizzi jekk ikun meħtieġ. Il-kumpanija tipprovdi impjeg fis-suq tax-xogħol miftuħ, u l-impjegati huma mħarrġa għal standards prinċipali.

### Eżempji ta' prattika tajba:

#### Il-proġett Vangrail

Il-fondazzjoni Sterk in Werk (B'saħħitna fix-Xogħol) fil-Pajjiżi I-Baxxi tmexxi l-proġett Vangrail (Poġġaman protettiv), li jgħin lil dawk li jħallu l-iskola (ta' 16-il sena jew aktar) fit-tranżizzjoni tagħhom lejn ix-xogħol. Il-klijenti tagħha jinsabu taħt il-kura ta' ċentri edukattivi ta' rimedju għal żgħirażgħir b'diżabilitajiet ħfief sa moderati. Kollha għandhom problemi ta' mġiba minħabba d-disturb mentali ħafif tagħhom, spiss ikkombinat ma' disturbi fl-ispettru tal-awtiżmu, iperattività (ADHD) jew disturbu psikjatriċi. Il-filosofija tal-proġett Vangrail hija li t-taħriġ vokazzjonali u x-xogħol fl-impjeg miftuħ jirriżulta f'saħħa mentali aqwa. Il-programm huwa ffinanzjat mill-aġenzija tas-sigurtà soċjali UWV.

Il-klijenti żgħirażgħir li jidħlu fil-proġett Vangrail jattendu programmi doppji li jikkonsistu f'appoġġ personali intensiv minn timijiet ta' professjonisti fl-oqsma ta' parteċipazzjoni fis-soċjetà, il-ħajja indipendenti, il-kura tas-saħħa mentali, l-edukazzjoni, it-taħriġ vokazzjonali u l-impjeg. Sterk in Werk jispeċjalizza fit-taħriġ vokazzjonali u appoġġ għall-impjegati. Professjonisti differenti miċ-ċentri ta' integrazzjoni mill-ġdid u ta' rimedju jaħdmu flimkien sabiex ifasslu pjanijiet u jaġġustaw il-programmi ta' tranżizzjoni għall-ħtiġijiet tal-klijenti individwali. Barra minn hekk, l-uffiċjali tal-UWV jieħdu sehem fl-ippjanar tal-programmi individwali; il-ġenituri u l-professjonisti tal-kura tas-saħħa li jkunu involuti mal-klijent jiġu kkonsultati. Il-progress tal-klijenti fl-imġiba u l-komunikazzjoni fl-ambjenti tal-ħajja, tat-taħriġ u tax-xogħol tagħhom jiġi osservat b'attenzjoni kbira. Il-problemi individwali minn xi professjonist f'xi qasam partikolari jiġu kkomunikati direttament lill-professjonisti l-oħrajn fit-tim involut maż-żgħirażgħir, sabiex kulħadd ikun jaf x'inhu jiġri u jkun jista' jindirizzaha qabel jinqalgħu problemi oħra.

### Eżempji ta' prattika tajba:

#### Il-proġett SDC-IBM

Il-Konstituzzjoni tas-Slovakkja taqti lill-kulħadd id-dritt għall-għażla libera ta' professjoni u taħriġ. Hemm bosta żgħirażgħir bi problemi tas-saħħa jew diżabilitajiet li jistgħu u jixtiequ jaħdmu fis-suq tax-xogħol miftuħ. Jista' jkun li l-kumpaniji jkunu jixtiequ jimpjegawhom iżda ma jkunux jafu kif se jrin isibuhom, u dawn iż-żgħirażgħir spiss ma jkollhomx il-kunfidenza sabiex japplikaw għal impjeg f'kumpaniji li joperaw fis-suq tax-xogħol miftuħ. Eżempju dwar kif għandhom jiġu indirizzati dawn l-ostakoli hija l-kooperazzjoni bejn l-NGOs u 'tigers' – il-kumpaniji ewlenin fis-settur tal-IT. L-NGOs jistgħu jingawgħaw persuni b'diżabilità skont ir-rekwiżiti tal-kumpanija. Dawn jipprovdu lhom it-taħriġ skont il-ħtiġijiet tagħhom u jħejjuhom għax-xogħol fil-kumpanija. Din il-kooperazzjoni tgħin sabiex jiżiedu l-opportunitajiet għal żgħirażgħir b'diżabilità sabiex jirnexxu fis-suq tax-xogħol miftuħ. Il-kooperazzjoni bejn il-Kunsill tad-Diżabilità Slovakk (SDC) u l-kumpanija tal-IT, IBM ilha teżisti għal għadd ta' snin. Minħabba r-riżultati pożittivi ta' din il-kollaborazzjoni, IBM qiegħda tippjana li timplimenta l-istess proġett f'pajjiżi oħra. Fl-2010, l-SDC uża dan il-mudell sabiex jikkollabora ma' kumpanija oħra fis-settur.

IBM tippreżenta lill-SDC bir-rekwiżiti tagħha għal impjegati potenzjali b'diżabilità. L-SDC tfittex il-kandidati permezz tal-organizzazzjonijiet membri tagħha, l-universitajiet, l-iskejjel sekondarji u l-uffiċċji tax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u l-Familja. Il-kandidati li jkunu interessati jibagħtu s-CVs tagħhom lill-SDC. Il-kandidati adattati mbagħad jintgħażlu minn rappreżentanti tal-SDC u ta' IBM u jiġu mistiedna għal intervista. Wara l-intervista, il-kandidati magħżula jkunu jistgħu jibdwu jattendu l-korsijiet ta' taħriġ. Waqt il-korsijiet, il-ħiliet fl-IT, fil-lingwa Ingliża u ta' komunikazzjoni tal-impjegati futuri jiġu żviluppati flimkien ma' taħriġ fil-komunikazzjoni u l-awtopreżentazzjoni.

## Inklużjoni attiva inqas żviluppata

Fl-aħħarnett, kien hemm pajjiżi fejn kien diffiċli ferm li wieħed isib prinċipji ta' inklużjoni attiva fil-livell tal-politika jew fil-prattika. Kien hemm ftit evidenza li tindika li l-Polonja kienet adottat approċċ ta' inklużjoni attiva. Il-qafas leġiżlattiv ġenerali fis-Slovakkja għandu biss dispożizzjonijiet minimi rilevanti għall-inklużjoni attiva taż-żgħażaġh bi problemi tas-saħħa jew diżabbiltà. Il-qafas Slovakk għall-inklużjoni attiva huwa speċifikat f'politiki settorjali separati bi ftit rabtiet limitati. L-iżvilupp tal-politika fi Spanja kien influwenzat ferm mill-NGOs li jirrappreżentaw lill-persuni b'diżabbiltà, iżda m'hemm l-ebda referenza speċifika għall-inklużjoni attiva.

## Implimentazzjoni integrata ta' programmi u politiki

Saret analiżi tar-rapporti tal-pajjiżi sabiex jinkiseb għarfien dwar sa liema punt il-leġiżlazzjoni, il-politika u l-programmi kienu mfassla sabiex jiksibu azzjonijiet ikkoordinati u integrati. L-analiżi kienet tinkludi leġiżlazzjoni u programmi rilevanti għal nies b'diżabbiltà jew żgħażaġh iġenerali u mhux dawk biss li kellhom fil-mira lill-żgħażaġh bi problemi ta' saħħa jew diżabbiltà. L-attenzjoni kienet fuq l-aspetti tal-inklużjoni attiva li kienu indirizzati l-aktar spiss minn liġijiet u programmi speċifiċi.

**Anna Ludwinek**

## Il-mobilità taż-żgħażaġh: Kwistjonijiet u prospetti

**Riżultat tal-kriżi ekonomika li għaddejjja bħalissa fl-Ewropa huwa li l-migrazzjoni u l-mobilità tax-xogħol saru kwistjonijiet aktar prominenti. F'pajjiżi fejn il-qgħad żdied b'mod konsiderevoli, li tħalli l-pajjiż huwa meqjus pass validu u xi drabi meħtieġ sabiex wieħed isib impjieg.**

Iż-żgħażaġh għandhom tendenza li jkunu aktar mobbli mill-gruppi ta' etajiet l-oħrajn. Dan minn dejjem kien il-każ tal-mobilità ġol-UE. Madankollu, mill-aħħar żewġ mewġiet ta' tkabbir fl-2004 u fl-2007, l-ammont ta' mobilità taż-żgħażaġh sar saħansitra aktar evidenti: fl-2010, 70% tal-migranti fl-età tax-xogħol mill-pajjiżi tal-ewwel mewġa ta' tkabbir kellhom inqas minn 35 sena. Mistoqsija dwar l-intenzjonijiet ta' mobilità fl-istħarriġ tal-2011 tal-Ewrobarometru għaż-żgħażaġh ikkonfermat din it-tendenza. Din uriet li ż-żgħażaġh mill-pajjiżi ċentrali Ewropej u dawk tal-Lvant tal-Ewropa taż-żewġ mewġiet ta' tkabbir huma aktar lesti li jaħdmu fi Stat Membru ieħor tal-UE mill-medja tal-UE27.

Hekk kif l-opportunitajiet f'pajjiżi barranin li darba kellhom ekonomiji b'saħħithom (bħal Spanja u l-Irlanda) qegħdin jgħibu u l-prospetti fil-pajjiżi tal-oriġini tagħhom qegħdin jitjiebu, għadd dejjem jikber ta' ħaddiema qegħdin imorru lura pajjiżhom. Il-proġett ta' riċerka tal-Eurofound dwar il-migrazzjoni ta' ritorn jiżvela li ż-żgħażaġh huma wkoll l-aktar irrappreżentati fost dawk li jerrġu lura meta mqabbla mal-popolazzjoni li ma tiċċaqlaqx – indikazzjoni oħra, indiretta tal-importanza tagħhom għall-mobilità iġenerali. Il-ħaddiema mobbli li jħallu lill-pajjiżhom għandhom fil-parti l-kbira fuq l-għoxrin sena; dawk li jerrġu lura, madankollu, jidhru li fil-medja huma akbar fl-età. Skont id-data tal-Eurostat, l-età medja taċ-ċittadini li reġġu lura lejn pajjiżhom kienet 'il fuq minn 30 sena f'bosta Stati Membri fl-2008. Ir-riċerka tal-Eurofound ikkonfermat din it-tendenza fi Stati Membri Ewropej partikolari ċentrali u tal-Lvant (l-Ungerija, il-Latvja, il-Polonja u r-Rumanija). Fl-Ungerija, nofs dawk li reġġu lura f'pajjiżhom fil-perjodu



tal-2008–2010 kellhom bejn it-30 u l-45 sena. Fil-każ tar-Rumeni li rritornaw minn Spanja, kienet osservata l-istess tendenza. Fil-Latvja, għalkemm il-parti l-kbira (żewġ terzi) ta' dawk li marru lura kellhom inqas minn 35 sena, is-sehem ta' dawk li kienu akbar minn dan kien madankollu sinifikanti. Dawk il-Pollakki li reġġu lura, jidhru, madankollu, li huma iżgħar, b'dominanza ta' persuni taħt it-30 sena. Il-fatt li l-parti l-kbira ta' dawk li reġġu lura huma aktar anzjani huwa komprensibbli minħabba li bosta minnhom ikunu qattgħu ċertu żmien f'pajjiż barrani qabel jirritornaw pajjiżhom (fir-riċerka tagħna dawk li reġġu lura kienu definiti bħala dawk li qattgħu mill-inqas sena barra pajjiżhom).

Mistoqsija oħra li investigajna fir-riċerka tagħna kienet x'tip ta' esperjenza kisbu dawk li reġġu lura pajjiżhom meta kienu f'pajjiż ieħor, u jekk u safejn setgħu jużawha fis-suq tax-xogħol f'pajjiżhom meta reġġu lura. Is-sejbiet urew li, globalment, l-esperjenza ta' dawk bi kwalifiki għoljin kienet siewja, filwaqt li normalment dan ma kienx il-każ tal-ħaddiema mobbli bi ftit kwalifiki. Dan jista' jkun marbut man-nuqqas ta' esperjenza li dawn tal-aħħar kisbu barra pajjiżhom. Pereżempju, jekk kellhom impjieg taħt il-livell ta' kwalifiki tagħhom, li spiss huwa l-każ ta' ħaddiema żgħażaġh mobbli, jistgħu jsibuha diffiċli li jkunu integrati fis-suq tax-xogħol ta' pajjiżhom meta jerrġu lura, b'mod speċjali meta ma jkollhomx esperjenza ta' xogħol preċedenti f'pajjiżhom jew qatt ma kellhom impjieg li jaqbel mal-kwalifiki tagħhom. Dan huwa marbut ma' suġġett ieħor importanti li l-Eurofound qed jippjana li jesplora aktar, jiġifieri safejn il-mobilità għax-xogħol tista' ttaffi l-proċess diffiċli ta' tranżizzjoni bejn l-iskola u x-xogħol. Ir-riċerka tagħna (li għandha tkun ippubblikata f'Lulju 2012) tindika li l-opportunitajiet ġodda offruti mill-moviment liberu tax-xogħol jistgħu jagħmlu dan il-proċess aktar faċli għaż-żgħażaġh bi kwalifiki għolja, filwaqt li ż-żgħażaġh bi kwalifiki baxxi jew saħansitra medji jistgħu jiltaqgħu ma' diffikultajiet ukoll f'dan ir-rigward.

**Klára Fóti**

## L-impjeg għaż-żgħażaġh fi kriżi



**Il-qgħad fost iż-żgħażaġh jibqa' waħda mill-aktar sfidi urġenti li jiffaċċjaw dawk li jfasslu l-politika tal-UE. F'ċerti pajjiżi tal-UE, bħal Ċipru, il-Greċja, l-Irlanda u Spanja, il-qgħad fost iż-żgħażaġh reġa' mar lura għal-livelli għoljin tas-Snin Sebgħin, u malajr qed isir pjaga li tifni familji sħaħ.**

Żewġ terzi tal-Istati Membri qegħdin jirrapportaw qgħad enormi fost iż-żgħażaġh ta' aktar minn 20%, skont l-Eurostat. F'sitt Stati Membri, ir-rati huma bejn l-10% u l-20%. Fi tlettax oħra, ir-rati jvarjaw bejn 20% sa 30%, u f'ħamsa r-rata hija ogħla minn 30% (il-Greċja, l-Irlanda, il-Portugall, is-Slovakkja u Spanja). Fi tliet Stati Membri biss il-qgħad fost iż-żgħażaġh huwa taħt l-10% (l-Awstrija, il-Pajjiżi l-Baxxi u l-Ġermanja). Dawn huma ċ-ċifri għaż-żgħażaġh deskritti bħala li jaqgħu fil-grupp ta' età ta' bejn is-16 u l-24 sena; hemm ukoll problema notevoli għall-grupp ta' età akbar ta' dawk bejn is-16 u t-30 sena, u għadd ta' inizjattivi tal-UE huma mmirati lejn dan il-grupp akbar – fi Spanja u f'Ċipru, pereżempju.

It-tqabbil taż-żgħażaġh mal-impjegji eżistenti qed ikompli jkun problema kullimkien. Anki f'pajjiżi fejn il-qgħad huwa baxx, il-persentaġġ ta' żgħażaġh qiegħda huwa kważi dejjem darbtejn dak tat-total tal-qgħad. L-UE tftitex li żżid l-opportunitajiet fl-edukazzjoni, it-taħriġ u l-esperjenza tax-xogħol għal dawk iż-żgħażaġh li jkunu qegħdin ifittxu impjeg u li tgħinjom fit-tranżizzjoni bejn l-edukazzjoni u x-xogħol. Tipprova ukoll tnaqqas ir-rati ta' dawk li jtilqu kmieni mill-iskola. Din tal-aħħar hija komputu serju; l-UE tikkompara ħażin mal-Istati

Uniti u mal-Ġappun fil-prevenzjoni tat-tluq bikri mill-iskola. Inizjattivi ta' politika tal-UE bħal Youth on the Move iżidu mal-miżuri tradizzjonali bħal apprendistati billi jwarrbu t-tfixkil għall-mobilità, iżidu l-viżibbiltà tal-postijiet battala u jappoġġjaw l-inizjattivi għall-intraprendituri żgħażaġh. Dawn il-miżuri applikati flimkien jikkomplimentaw l-inizjattivi konkreti fuq il-post ta' Stati Membri individwali tal-UE.

### Inizjattivi nazzjonali

L-Istati Membri żviluppaw bosta miżuri sabiex jiġġieldu l-qgħad li jirriflettu kondizzjonijiet nazzjonali partikolari u ġeneralment jissupplimentaw miżuri eżistenti. L-Irlanda, pereżempju, daħħlet skema nazzjonali ta' apprendistat li tipprovdi 5,000 pożizzjoni ta' esperjenza ta' xogħol fis-settur privat, pubbliku u tal-volontarjat. Din l-iskema ta' żmien limitat tipprovdi pożizzjonijiet ta' esperjenza ta' xogħol għal sitta sa disa' xhur u tinkludi suppliment addizzjonali ta' kull ġimgħa ta' €50 mal-intitolamenti għall-benefiċċji soċjali eżistenti. L-inizjattiva hija mmirata għal żgħażaġh 'barra mill-edukazzjoni, l-impjeg jew it-taħriġ' (NEETs), u għalkemm hija progressiva, in-numri ta' dawk li qegħdin ifittxu impjeg għadhom jippreżentaw problema kbira. Fi Spanja, il-gvern qed iħeġġeġ lil dawk li jħaddmu sabiex ikomplu jingaġġaw bi tnaqqis fil-kontribuzzjonijiet tal-assigurazzjoni nazzjonali għal sena. L-impjegati qegħdin jingħataw suppliment ta' kull xahar ta' €400 sabiex jgħinjom jikkwalifikaw mill-ġdid permezz ta' inizjattivi ta' taħriġ mill-ġdid, iżda l-ħlas huwa limitat għal sitt xhur biss. Fil-Greċja l-miżuri ta' emerġenza affettwaw ferm il-ftehimiet kollettivi

eżistenti, li min-naħa tagħhom affettwaw lill-ħaddiema żgħażaġh. Taħt l-ewwel rawnd ta' regolamenti ta' emerġenza, dawk li jħaddmu issa jistgħu jingaġġaw ħaddiema żgħażaġh b'rati aktar baxxi minn qabel. Għal dawk taħt il-25 sena, min iħaddem jista' jħallas 80% tal-paga minima nazzjonali, u għal dawk bejn il-15 u t-18-il sena, ir-rata hija 70%. Ir-Renju Unit dan l-aħħar iffriża l-pagi minimi għall-ħaddiema ta' bejn is-16 u l-20 sena bl-għan li jippromwovi l-impjegar ta' dan il-grupp ta' età. It-trejdjunjins ikkritikaw id-deċizzjoni bħala waħda ta' sfruttament, iżda dawk li jħaddmu laqgħuha tajjeb.

Ċerti pajjiżi tal-UE ikkonċentraw fuq inizjattivi ta' taħriġ u apprendistati għaż-żgħażaġh. Fl-Italja, is-sostituzzjoni tal-aħħar sena obligatorja tal-iskola b'apprendistat tirrappreżenta inizjattiva prattika b'toġhma kemxejn retro sabiex tappoġġja d-dħul fis-suq tax-xogħol. Din toffri ħlas tal-apprendistat li huwa proporzjonat mar-rati tal-adulti, u jrid jinżamm proporzjon strett bejn l-għadd ta' ħaddiema fuq kuntratti full-time u dawk b'apprendistat. Fil-każ tal-Italja, il-Fond Soċjali Ewropew jintuża għall-promozzjoni ta' apprendistati ġodda. Hawnhekk, l-imsieħba soċjali taw appoġġ wiesa' lil dawn il-miżuri, b'mod speċjali t-trejdjunjins, minħabba li ħafna mis-suġġerimenti tagħhom ġew integrati fil-miżuri approvati.

F'Ċipru, il-qgħad fost iż-żgħażaġh huwa relattivament baxx f'termini tal-UE. Madankollu huwa l-ogħla li qatt kien sa mill-1974. Hawnhekk, il-miżuri tal-gvern bl-involvement tal-imsieħba soċjali jinkludu sussidji statali li jippromwovu d-dħul mill-ġdid fis-suq tax-xogħol għal dawk taħt

id-29 sena. Dawn jammontaw għal supplimenti ta' 60% sa 65% fuq il-pagi, b'enfasi partikolari fuq is-settur tal-kostruzzjoni li ntlaqat ħażin ħafna.

Fi Stati Membri oħra jeżistu problemi partikolari. Fil-Polonja, impjegi 'bla siwi' (impjegi b'kuntratti temporanji jew kuntratti mhux koperti bil-liġijiet tax-xogħol) għaż-żgħażaġh għadhom problema persistenti. Fl-Ungerija, l-emigrazzjoni qiegħda thedded l-ekonomija permezz tal-esportazzjoni effettiva tal-investiment tal-istat fl-edukazzjoni u t-taħriġ bi spiża konsiderevoli għall-pajjiż. Aktar minn 3,000 tabib telqu mill-Ungerija minħabba li, skont it-trejdjunjins, dawn jitħallsu pagi li 'jikkomparaw ħażin ma' dawk tal-ħaddiema fil-fast food'. Jingħad ukoll li l-kondizzjonijiet tax-xogħol ukoll huma ħżiena. B'konsegwenza ta' dan, ingħata suppliment ta' €344 lit-tobba żgħażaġh li jintrabtu li jibqgħu jaħdmu fil-pajjiż għal 10 snin wara li jikkwalifikaw.

**Camilla Galli da Bino**

- Bell, D., Blanchflower, D.G. (2011), Young people and the Great Recession (Iż-żgħażaġh u r-Riċessjoni I-Kbira), *Oxford Review of Economic Policy*, 27(2), 241-267.
- Cedefop, ETF, EU-OSHA, Eurofound (2011), *Working together for youth employment – From education to the workplace: A global challenge*, (Naħdmu flimkien għax-xogħol għaż-żgħażaġh - Mill-edukazzjoni għall-post tax-xogħol: Sfida globali) Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu.
- Clifton, J. (2011), *The coming jobs war* (Il-gwerra tal-impjegi li ġejja), Gallup Press, New York.
- Dieckhoff, M. (2011), The effect of unemployment on subsequent job quality in Europe: A comparative study of four countries (L-effett tal-qgħad fuq il-kwalità sussegwenti tal-impjegi fl-Ewropa: Studju komparattiv ta' erba' pajjiżi), *Acta Sociologica*, 54(3), 233-249.
- Eurofound (2012), *Active inclusion of young people with health problems or disabilities* (L-inklużjoni attiva ta' żgħażaġh bi problemi tas-saħħa jew diżabilitajiet), sommarju eżekuttiv, Eurofound, Dublin.
- Eurofound (2011), *Helping young workers during the crisis: Contributions by social partners and public authorities* (Nghiņu lill-ħaddiema żgħażaġh matul il-kriżi: Kontribuzzjonijiet mill-imsieħba soċjali u l-awtoritajiet pubbliċi), rapport analitiku komparattiv tal-EIRO, Eurofound, Dublin.
- Eurofound (2011), *Youth and work* (Iż-żgħażaġh u x-xogħol), Sejbiet tal-Fondazzjoni, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu.
- Hurley, J., Mandl, I., Eurofound (2011), *Public instruments to support restructuring in Europe* (Strumenti pubbliċi li jappoġġjaw ir-ristrutturar fl-Ewropa), rapport tal-2011 tal-ERM, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu.
- Hurley, J., Storrie, D., Jungblut, J. (2011), *Shifts in the job structure in Europe during the Great Recession* (Bidliet fl-istruttura tal-impjegi fl-Ewropa waqt ir-Riċessjoni I-Kbira), Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu.
- ILO (2012), *Global employment trends for youth 2012* (Tendenzi globali tal-impjeg għaż-żgħażaġh 2012), Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, Ġinevra.
- Mascherini, M. (2012), *Young people and NEETs in Europe: First findings* (Iż-żgħażaġh u n-NEETs fl-Ewropa: l-Ewwel sejbiet), Eurofound, Dublin.
- Mascherini, M. (2012), *Youth Guarantee: Experiences from Finland and Sweden* (Il-Garanzija taż-Żgħażaġħ: Esperjenzi mill-Finlandja u l-Isvezja), Eurofound, Dublin.
- MacDonald, R. (2012), Youth transitions, unemployment and underemployment: Plus ça change, plus c'est la même chose? (Tranżizzjonijiet, qgħad u nuqqas ta' xogħol għaż-żgħażaġh: Aktar ma jkun hemm tibdil, aktar l-affarijiet jibqgħu l-istess?), *Journal of Sociology*, 47(4), 427-444.
- Martin J. (2011), Unfinished business: Investing in youth (Għad fadal xi jsir: L-investment fiż-żgħażaġh), *OECD Employment Outlook 2011*, Publikazzjoni tal-OECD, Pariġi.
- Mikulic, B., Sándor, E., Leoncikás, T. (2012), *Experiencing the economic crisis in the EU: Changes in living standards, deprivation and trust* (L-esperjenza tal-kriżi ekonomika fl-EU: Bidliet fl-istandards tal-għajxien, privazzjoni u fiduċja), Eurofound, Dublin.
- Nielsen, M.L. (2012), Adapting the normal: Examining relations between youth, risk and accidents at work (Adattament tan-normal: Neżaminaw ir-relazzjonijiet bejn iż-żgħażaġh, ir-riskju u l-inċidenti fuq ix-xogħol), *Nordic Journal of Working Life Studies*, 2(2), 71-85.
- Parent-Thirion, A., Vermeylen, G., van Houten, G., Lyly-Yrjänäinen, M., Biletta, I., Cabrita, J., Eurofound (2012), *Fifth European Working Conditions Survey* (Il-Fames Stħarriġ dwar il-Kondizzjonijiet tax-Xogħol Ewropej), Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu.
- OECD (2012), *OECD employment outlook 2012* (Prospetti tal-impjegi tal-OECD 2012), Publikazzjoni tal-OECD, Pariġi.
- OECD (2012), 'Under shock: How to spread macroeconomic risks more fairly in', *Economic policy reforms 2012: Going for growth* (Taħt xokk: Kif nifirxu r-riskji makroekonomiċi aktar 'il ġewwa, Riforri fil-politika ekonomika 2012: Immorru għat-Tkabbir, Publikazzjoni tal-OECD, Pariġi.
- OECD (2010), *Off to a good start? Jobs for youth* (Lejn bidu tajjeb? Impjegi għaż-żgħażaġh), Publikazzjoni tal-OECD, Pariġi.
- Reeskens, T., Oorschot, W. (2012), Those who are in the gutter look at the stars? Explaining perceptions of labour market opportunities among European young adults (Dawk li jinsabu fil-gandott jgħollu ħarsithom lejn is-sema? Nispjegaw il-perċezzjonijiet tal-opportunitajiet tas-suq tax-xogħol fost l-adulti żgħażaġh Ewropej), *Work, Employment & Society* (Xogħol, Impjeg u Soċjetà), 26(3), 379-395.
- Scarpetta, S., Sonnet, A., Manfredi, T. (2010), *Rising youth unemployment during the crisis: How to prevent negative long-term consequences on a generation?* (Iż-żieda tal-qgħad fost iż-żgħażaġh waqt il-kriżi: Kif nipprevjenu konsegwenzi negattivi fit-tul fuq ġenerazzjoni?), Dokumenti ta' Fiddma tal-OECD Soċjali, tal-Impjeg u tal-Migrazzjoni, Nru 106, Publikazzjoni tal-OECD, Pariġi.
- Wynne, R., McAnaney, D. (2010), *Active inclusion of young people with disabilities or health problems: Background paper* (Inklużjoni attiva taż-żgħażaġh b'diżabilitajiet jew problemi tas-saħħa: Dokument ta' sfond), Eurofound, Dublin.

**[www.eurofound.europa.eu](http://www.eurofound.europa.eu)**

Il-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Għajxien u tax-Xogħol hija korp bejn tripartitiku tal-UE, li r-rwol tiegħu huwa li jipprovdi lill-atturi ewlenin fit-tfassil tal-politika soċjali bis-sejbiet, l-għarfien u l-pariri miġbura minn riċerka komparattiva. L-Eurofound twaqqfet fl-1975 mir-Regolament tal-Kunsill KEE Nru 1365/75 tas-26 ta' Mejju 1975.